**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 49** **13 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju 2023, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Andrew Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Maria Magri - Kunsillier

Kearon Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**49.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 48**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 48, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 48 ġew approvati b'mod unanimu.

**49.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li saritlu stedina, għal-laqgħa, mill-Prinċipal tal-Kulleġġ San Injazju sabiex jiġi diskuss pjan ta' ħidma bejn il-Kunsill u l-Kulleġġ. Din il-laqgħa se tinżamm nhar il-Ħamis 17 t'Awissu fid-9.00a.m.

Is-Sindku John Schembri nfurma li l-membri huma mistiedna għall-inawgurazzjoni ta' stabbiliment ġdid li se jiftaħ fi Triq San Tumas nhar id-29 ta' Lulju bejn id-9.00a.m. u 12.00p.m.

**49.3 Festa San Andrija 2023**

49.3.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-festa għaddiet b'wiċċ il-ġid u kollox mar tajjeb. Il-Kunsillier Andrew Cassar ppropona li għal darb'oħra jsiru bins fiz-zona ta' Triq Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija u Misraħ il-Knisja.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li għas-sena d-dieħla l-Kunsill jaħseb sabiex tinġieb magna tal-BCRS.

Is-Sindku nfurma li bħala permessi tal-gabbani kollox kien tajjeb, iżda huwa mportanti li s-sena d-dieħla jsiru n-numri tal-posti.

**49.4 Ħwejjeġ Oħra**

49.4.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-kandidata għall-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv infurmat li m'għandix interessata.

49.4.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-proġett tal-flyover wasal fil-fazi finali tiegħu. Il-Kunsillier Andrew Cassar talab li l-Kunsill jitlob lill-Infrastructure Malta jinstalla tabelli 'No Access to LUQA'.

Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill reġa waħħal l-avvizi mal-bus-stops għaliex il-Malta Public Transport m'għamlet l-ebda avviż. Is-Sindku nfurma wkoll li qed jiġi ppjanat li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett issir f'Ottubru.

49.4.3 Il-Kunsillier Frederick Aquilina ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-bring-in sites fi Triq Patri Indri Schembri. Il-Kunsill ippropona li ssir talba lil GreenMT sabiex jidħol għall-ispiza ta' internet u l-Kunsill japplika għal meter tad-dawl.

**49.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |